**3 ta' Ġunju, 1963.**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Violet mart Alfred Cassano

*versus*

Alfred Cassano

**Mara Miżżewġa — Alimenti — Kawża Ġusta — Sevizja —**

*Il-mara miżżewġa hi intitolata għall-alimenti ndipendentement mill-istanza ta' separazzjoni.*

*Il-mara trid jkollha kawża ġusta biex ma tirriprendix il-konvivenza. Hu paċifiku li din il-kawża ġusta ma hemmx bżonn li tkun ta' bilfors waħda mill-kawżi li, skond il-liġi jistgħu jilleġittimaw istanza ta' separazzjoni personali, imma tista tkun anki barra minn dawk il-kawżi, basta li tkun gravi u proporzjonata.*

*Kliem bħal "għad nitfgħek l-isptar tal-mard tal-moħħ" huma ċertament sevizja għax juru ċerta krudeltà u maltrattament.*

*Anki il-fatt li l-mara għal inqas ħaġa, anki minima, tiddependi mill-karità ta' żewġha u trid tumilja ruħha u titlobilu hu fatt ta' sevizja.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kol-

lha meħtieġa, premess illi l-konvenut mhux qiegħed jgħaddi l-manteniment lill-attriċi martu u lil bintu minuri Christine talbet illi l-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attriċi għaliha u għal bintha minuri Christine pensjoni alimentarja fil-mod, żmien u lok li jiġu stabiliti minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat tal-elevazzjoni, tas-sekwestru u tal-impediment tas-safar tas-7 ta' Diċembru, 1962, kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet li biha l-konvenut oppona illi l-materja in kwistjoni ġa tifforma "res judicata" bis-sentenza ta' dil-Qorti tas-7 ta' Novembru, 1962, u subordinatament u mingħajr preġudizzju, illi l-attriċi ddekadiet mid-dritt tal-manteniment kontra żewġha peress li hija abbandunat id-dar konjugali u nonostanti li ġiet interpellata b'ittra uffiċjali, irrifjutat li tirritorna mingħajr ġusta kawża;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Frar, 1963 li biha laqgħet it-talba ta' l-attriċi u kkundannat lill-konvenut iħallas lilha mil-lum bil-quddiem kull ġimgħa fir-residenza tagħha bħala alimenti għaliha u għat-tifla Christine is-somma ta' sitt liri u tmien xelin (£6.8.0) imqassma erba' liri u nofs (£4.10.0) għall-attriċi u l-kumplament għat-tifla Bl-ispejjeż kontra l-konvenut. Dik il-Qorti kkunsidrat fuq l-ewwel eċċezzjoni:—

B'sentenza ta' dil-Qorti tas-7 ta' Novembru, 1962, fl-ismijiet "Violet mart Alfred Cassano vs. l-istess Alfred Cassano" kienet ġiet miċħuda t-talba ta' l-attriċi għall-manteniment tagħha u tat-tlett itfal mill-konvenut żewġha.

Inqtal f'dik is-sentenza illi mill-1 ta' Novembru, 1962, il-konvenut, flok baqa' jagħti flus għall-għejxin lill-attriċi, ried li jirregola hu stess l-ekonomija domestika u li mħabba

f'hekk l-attriċi ħassitha offiża u għamlet dik il-kawża, u li għalkemm hija marret tiekol għand missierha, l-attriċi baqgħet tgħix fid-dar konjugali. Il-Qorti ddeċidiet illi l-konvenut kellu d-dritt jirregola l-ħajja ġjornaliera ekonomika ta' daru, fil-waqt li osservat illi kien ikun ġust u ekwu illi huwa jħalli xi ħaġa tal-flus moderata f'idejn l-attriċi, iżda mingħajr ma dan in-nuqqas tiegħu ma jikkostitwixxi l-kawżali addotta fiċ-ċitazzjoni.

B'ċitazzjoni tal-10 ta' Diċembru, 1962, *illum* l-attriċi qegħda titlob il-manteniment mill-konvenut żewġha għaliha u għat-tifla Christine, u kif hemm fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzoni, u kif irriżulta fl-isvolġiment tal-kawża, hija ġiebet bħala motiv ġuridiku għat-talba tagħha illi hija kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali flimkien mat-tifla minuri Christine għax il-konvenut heddidha b'mus miftuħ u werwer ukoll *lit-tifla*. Imbagħad ukoll fid-dikjarazzjoni illi l-konvenut jittratta minn dejjem lill-martu agħar minn seftura, u hemm speċifikat *it-trattament* ħażin li l-konvenut hu *allegat li kien juża magħha*.

L-allegat theddid b'mus miftuħ ma kienx jifforma meritu tal-kawża diġà deċiża, kif ma setax, billi hu allegat li ġara wara. L-attriċi llum qegħda ssostni illi minħabba din il-minaċċja, fl-isfond ukoll ta' trattament ħażin mill-konvenut, hija kellha tħalli d-dar konjugali, u illi in kwantu hija kienet ġustifikata tagħmel hekk, il-konvenut għadu obbligat imantenieha, kif huwa hu wkoll obbligat li jmantni lit-tifla li ħadet magħha.

Għall-investigazzjoni ta' dan il-motiv addott mill-attriċi m'hijiex ta' ostakolu s-sentenza fuq riferita. Fiż-żmien ta' *dik is-sentenza l-attriċi u t-tifla* kienu jgħixu fid-dar konjugali, mentri llum m'għadhomx. Wara dik is-sentenza l-attriċi

tgħid li nqala fatt ġdid li biddel il-posizzjoni ġuridika stabilita bl-istess sentenza. Dan, jekk hu fondat, għandu jwassal għall-akkoljiment tat-talba ta' l-attriċi. Għall-eżami mill-Qorti ta' din l-allegazzjoni ma' tostax is-sentenza fuq imsemmija. Dak li ma jistax jiġi kontrovers f'din il-kawża huwa biss id-dritt tal-konvenut li jirregola huwa l-ekonomija domestika tal-attriċi u tat-tfal fiċ-ċirkostanzi viġenti fiż-żmien ta' l-istess sentenza, imma dik is-sentenza ma' timpedix ir-riċerka ġurisdizzjonali tal-motiv ġdid avanzat mill-attriċi.

Lanqas fir-rigward ta' l-attriċi nomine dik is-sentenza ma hi ta' ostakolu għall-azzjoni darba li l-attriċi qegħda tallega li t-tifla Christine, minnha rappresentata f'dil-kawża, m'għadhiex toqogħod fid-dar mal-konvenut u li dan mhux imantniha. Fiż-żmien tas-sentenza din it-tifla kienet toqgħod mal-konvenut li kien jipprovdi għall-bżonnijiet tagħha. Il-lum, skond l-attriċi, iċ-ċirkostanzi tbiddlu, u fuq dil-bażi hemm lok, anki f'dan ir-rigward, għar-riċerka ġurisdizzjonali.

Għalhekk:

Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tar-"res judicata" opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Ikkunsidrat fuq it-tieni eċċezzjoni:

Il-konvenut qed jinvoka favur tiegħu l-artikolu 6 tal-Kap. 23 tal-Liġijiet li jiddisponi illi d-dmir tar-raġel għall-manteniment tal-mara jispiċċa jekk din, wara li tkun telqet mid-dar ta' żewġha, ma tkunx trid, bla ma jkollha għaliex, tmur lura fid-dar tiegħu. Din hija forma ta' kostrinġiment psikoloġiku fuq il-mara li tkun telqet mid-dar bla kawża ġusta biex tirritorna għall-osservanza tal-obbligu tal-konvi-

venza ma' żewġha. Mingħajr il-bżonn li jiġu nvestigati ċ-ċirkostanzi kollha tal-ambjent *domestiku tal-miżżewġin*, kif *jiġu f'kawża ta' separazzjoni personali, ma jistgħux* jiġu skartati, fl-eżami jekk kienx hemm motiv ġust biex il-mara titlaq mid-dar, il-fatturi ta' dak l-ambjent almenu prossimu għall-azzjoni tagħha.

L-attriċi xehdet illi, ġranet wara li spiċċat il-kawża *li hi kienet* għamlet lill-konvenut għall-manteniment, waqt li kienet fil-kamra tas-sodda mat-tifla Christine, ta' sitt snin, il-konvenut *li kien liebes* ġlekk li juża għall-ġnien u kellu ma' qaddu marbut bi spaga mus minn dawk li jinfetħu, meta hija kienet qegħda tkellmu fuq *is-sitwazzjoni* ta' bejniethom, huwa ħareġ *il-mus* miftuħ u qallha "Naqsmek u *ninfdek* u noħroġlok kemm għandek demm; min jidħol jaqbeż għalik *innifdu bih*". It-tifla beżgħet u tgezzet magħha u hu qallha "Ma nagħmlekx vittma bħal ommok għaliex inti żgħira." L-attriċi allura bdiet tippakkja ħwejjiegħa u l-konvenut beda jdawwrilh l-mus ma' għonqha. Hija mbagħad telqet 'il barra. Xehdet li hi kienet qalet lil tal-"Berqa" li fil-każ li ma' jsibiex id-dar ma joħdiliex aktar il-ġurnal, u lil tal-ħobż illi jekk ma jsibiex hemm ma joħdiliex ħobż aktar u li hi tkun għand ommha għax kienet f'inkwiet kbir ma' żewġha. Anki xehdet *li l*-konvenut kien jgħidilha li jitfagħha l-manikomju.

P.S. Joseph Vassallo xehed *illi* fit-*18 ta'* Novembru, 1962, l-*attriċi rrapportatlu li ġurnata qabel il-konvenut* heddidha b'mus marbut bi spaga u qallha "Jaqb*illek toqgħod kwieta* għal*iex* b'dan noħroġlok id-demm ħilek u lil min jiġi jaqbeż għalik", u anki rrapportat li żewġha kien uriha ponn tal-ħadid. Ix-xhud eleva u esibixxa l-mus u l-ponn u qal li l-konvenut ċaħad li hedded lill-attriċi.

It-tifla Christine xehdet illi l-konvenut fetaħ temprin

waqt li hi u l-attriċi kienu fuq is-sodda u qal xi ħaġa lill-attriċi u t-tifla beżgħet. Għalhekk ma setgħetx tispjega, hija qalet ukoll li dik in-nhar "il-papa sawwat lill-mamma", u anki *li l-attriċi kelmitha qabel il-kawża*, mingħajr ma' *tiftakar* x'qaltilha.

Giuseppa Borg xehdet illi fiż-żmien li kienet serva malkontendenti, meta kienu flimkien, il-konvenut bagħtha u qallha *terġa' tmur* meta jgħidilha u issa hija serva mal-konvenut biss. Qalet ukoll li darba rat lill-konvenut jaqbad l-attriċi minn għonqha.

Il-konvenut xehed li ilu miżżewweġ ma' l-attriċi għaxar snin u għandha tlett itfal. L-attriċi għamlet żmien bi 'break *down*' u damet sena taħt *il-kura tal-Professur Victor Vas*sallo li kien jagħmlilha 'electric shock treatment'. Dik in-nhar li nqatgħet il-kawża l-oħra huwa, wara li l-attriċi ġiet id-dar imwassla minn missierha, il-konvenut qal lit-tifla Christine: "Mur għid lill-mama 'piacere'," għall-kawża li kienet tilfet. "Jiena għamilt hekk", qal il-konvenut, "bħal speċi biex niġbdilha saqajha. Fil-pront jiena ma ssapportejtx u mort kellimt lill-attriċi u għedtilha: "Tinsiex li ħadt ġurament falz għaliex meta l-Imħallef staqsiek jekk kellekx pakketti tas-sopop fid-dresser inti għedtlu le u fil-fatt kellek." Hi irrispondietni: "Jiena ma qagħadx nara jekk hemmx jew le, jiena flus irrid u mhux ikel". Kompla jgħid *il-konvenut li* l-għada f'nofs in-nhar ma' sab lil ħadd id-dar u l-attriċi rritornat fl-10.30 p.m., u baqgħet sal-14 ta' Novembru, 1962 tiġi lura fl-10.30 mingħand ommha. Dik in-nhar qallha jekk sat-8.00 p.m., hija ma tkunx id-dar hu jmur għand ommha u jagħmel frattarija u jieħu t-tfal lejn id-dar. Hija ma' ġietx fit-8 u hu mar għat-tfal. Hija ma kienetx issajjarlu. Kompla jgħid li fis-17 ta' Novembru hu libes ġakketta ħażina għallġnien li kellha mus imdendel. L-attriċi qaltlu "Isma 'l hawn

ħalli nitħaddtu daqsxejn, il-għaliex ma tridx tagħtini flus u qed tagħmel dan?", u hu rrispondiha. "Lili jew tobdini f'kollox jew f'xejn." Lill-attriċi kien ilu ma jagħtiha flus mill-1 ta' Novembru, 1962, għalkemm kien jipprovdi għad-dar u kien jgħid lill-attriċi li jekk tkun tixtieq xi ħaġa tgħidlu u jixtrihielha. Qallha wkoll li jekk trid flus għandha taqta lil ommha. L-attriċi qaltlu li ser taqbad it-tfal u tmur 'il barra u hu weġibha "Int mur fejn trid u lit-tfal ħalliehom hawn, jiena la nibża' minnek u lanqas minn ta' ġewwa, u jekk jiġi xi ħadd biex jeħodli t-tfal dan (il-mus) inqatta fuqu." L-attriċi telqet il-barra. Il-konvenut ċaħad li qallha "b'dan innifdek" u ammetta li mindu telqet mid-dar huwa mhux jagħtiha manteniment.

Fix-xhieda tiegħu il-konvenut, mistoqsi jekk riedx li l-attriċi tmur għand ommha, irrisponda illi hija dejjem kienet tgħid li tmur għand ommha għax għandha ma jonqosha xejn. Hija ma' kienetx taqdieh u kienet tmur id-dar tard u ma kienetx issajjarlu. Hu ried juriha li tmur jew ma tmurx għand ommha ma kienetx tbeżżgħu. Dik in-nhar kellha ħwejjiegħha lesti fuq is-sodda u qaltlu, "Jien minn hawn ma rrid xejn u ser nitlaq", u hu qalilha "Mur fejn trid basta li t-tfal tħallihom hawnhekk."

Il-partijiet jaqblu li fid-19 ta' Novembru, 1962, il-konvenut interpella lill-attriċi biex tirritorna d-dar u hija ma rritornatx.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti hi soddisfatta illi l-konvenut hedded b'mus miftuħ lill-attriċi meta kellha magħha lit-tifla Christine fil-kamra tas-sodda u dina beżżgħet.

Il-konvenut stess, infatti, jammetti illi waqt diskussjoni

li kellu ma l-attriċi fuq jekk hu jagħtihiex flus f'idejha, wara l-kawża li hi kienet għamlitlu u tilfet, huwa kellu f'idejh il-mus li juża għall-ġnien. Huwa pero qal li hu dak il-ħin qal lill-attriċi "Minn jiġi jeħodli t-tfal minn hawn dan inqatta fuqu." L-attriċi xehdet li hu qallha li jniffidha bih. Il-konvenut dak il-ħin kien adirat kif jidher mill-istess espressjoni li hu ammetta li uża "dan inqata fuqu." Issa, huwa aktar verosimili li huwa, li kien adirat lejn l-attriċi, uża kliem minaċċjuż għaliha milli għal xi ħadd li sata' jeħodlu t-tfal, għax ma rriżulta xejn li jindika li xi ħadd tal-familja ta' l-attriċi almenu aċċenna darba li jittanta jeħodlu t-tfal lanqas meta, kif hu stess xehed, hu kien mar u ħa t-tfal mingħand missier l-attriċi meta dina kienet għand missierha bihom fil-għaxija fit-tard.

Kien hemm anki okkażżjoni oħra qabel, kif xehdet is-serva Giuseppa Borg, meta l-konvenut uża jdejh fuq l-attriċi u qabadha minn għonqha.

Għalhekk il-Qorti taċċetta l-versjoni ta' l-attriċi.

Dan it-theddid tal-konvenut għandu bħala sfond ir-relazzjonijiet teżi bejn il-kontendenti, li żdiedu wara l-kawża l-oħra. Dik in-nhar stess tal-kawża l-konvenut bagħat lit-tifla Christine biex il-konvenut "jiġbdilha saqajha". Dik in-nhar il-konvenut, kif hu xehed, ma ssapportiex u qal lill-attriċi illi kienet ħadet ġurament falz fix-xhieda tagħha.

Jiġi ukoll rilevat illi, għalkemm il-konvenut, skond ma ġie stabbilit bis-sentenza tal-kawża l-oħra, kien fid-dritt li jirregola hu l-ekonomija domestika meta l-attriċi kienet għadha fid-dar konjugali, eppure, kif hemm fl-istess sentenza, huwa lanqas ma kien iħallilha f'idejha xi ħaġa tal-flus għax-xiri ta' affarijiet żgħar. U ma għandux jintnesa illi, kif

xehed il-konvenut stess, l-attriċi għamlet żmien taħt kura mentali, u hekk il-konvenut kien fid-dover li jużа' aktar rigward fl-atteġġjament tiegħu ma' l-attriċi.

Ma rriżultax li l-attriċi pprovokat lill-konvenut biex jasal biex iheddidha b'mus miftuħ flimkien mat-tifla, li, wriet biżżejjed li hija beżgħet bl-aġir tiegħu.

Dawn huma ċ-ċirkostanzi prossimi għall-azzjoni ta' l-attriċi qabel hija telqet mid-dar bit-tifla.

Kieku din kienet kawża ta' separazzjoni l-indaġni tal-Qorti fuq ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti kienet tinvesti perijodu aktar twil biex tara x'tortijiet sata' kien hemm miż-żewġ naħħiet, imma għall-finijiet ta' dil-kawża hi suffiċjenti l-indaġini li l-Qorti għamlet.

Hekk il-Qorti tasal għall-konklużżjoni illi fiċ-ċirkostanzi l-attriċi kellha għaliex tħalli d-dar konjugali u tirrifjuta li tirritorna. Il-kawża ġusta għall-allontanament mid-dar tal-mara miżżewġa għandha, fil-fehma ta' dil-Qorti, tiġi valutata b'mod soġġettiv sewwa, u f'kawżi ta' din ix-xorta hu importanti ħafna l-ambjent familjari li l-mara tkun tinsab fih, li diffiċilment joħroġ quddiem il-Qorti bl-ombri, valuri, u sfumaturi reali tiegħu. Din il-Qorti għandha quddiemha l-minaċċja, ankorke forsi mprovvisa, tal-konvenut, kwalifikata mħabba l-mezz, fi żmien ta' relazzjonijiet teżi bejn il-kontendenti partikolarment wara l-kawża l-oħra; u għax l-attriċi — hi li tirikjedi rigwardi partikolari mħabba l-istat tagħha — ħarġet minn dak l-ambjent familjari u ma tridx terġa' tidħol fih, il-Qorti ma ssibx ġust illi għandu jiqfilha l-mezz tal-għixien mal-konvenut bħala żewġha. Kif diġa ġie ritenut, it-twaqqif tal-manteniment lill-mara li tkun telqet mid-dar konjugali jikkostitwixxi kostrinġiment psikoloġiku

fuqha biex hi tirritorna. Iżda dan ikun ġustifikat biss meta ma jkunx hemm qabel kostrinġiment li hija titlaq, kif kien hemm f'dan il-każ.

Din il-posizzjoni ma tbiddletx minħabba illi qabel dik il-minaċċja l-attriċi kellha diġa l-ħsieb li titlaq meta qalet lil tal-ġurnal u lil tal-ħobż biex ma jkomplux imorru jbigħul-ha, għax il-punt saljenti tal-kawża huwa dak it-theddid, li l-Qorti, sabet li kien hemm.

In kwantu t-talba ta' l-attriċi tirriferixxi għall-manteniment tat-tifla Cristine l-attur hu dejjem obbligat li jmantniha avvolja m'hijiex miegħu u qegħda ma' l-attriċi, anki kieku l-attriċi, per ipotesi, kellha tort, u ma jistax il-konvenut passivament iwaqqaf il-manteniment ta' bintu.

Ikkunsidrat:—

Irriżulta illi l-konvenut hu 'estate agent' u minn ħmistax il-ġurnata 'l hawn ħa xogħol, b'kommissjoni, ta' bini Kemmuna. A parti dak li jista' jaqla minn dan ix-xogħol tiegħu hu xehed illi jdaħħal fiż-żgur ħmistax il-lira (£15) fil-ġimgħa, minn kera ta' żewġ postijiet u minn interessi bankarji. Id-dar konjugali hi tal-kontendenti. Il-konvenut għandu miegħu ż-żewġt itfal l-oħra.

Kunsidrati l-bżonnijiet ta' l-attriċi u tat-tfal u l-mezzi tal-konvenut il-Qorti tiffissa għall-manteniment ta' l-attriċi u t-tifla Christine, is-somma ta' sitt liri u tmien xelini (£6.8.0) fil-ġimgħa b'kollox.

Rat, in-nota tal-appell tal-konvenut, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tal-attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

Rat *ir-risposta* tal-attriċi appellata, li biha qalet lis-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma, u li l-appell għandu jiġi riġettat — bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:—

Kif jidher mill-verbal, il-konvenut appellant ma hux qed jinsisti f'din is-sedi fuq l-eċċezzjoni tar-*res judicata* ġa minnu sollevata fl-ewwel istanza. Għalhekk, din il-Qorti ma hijiex sejra tokkupa ruħha minn dik l-eċċezzjoni.

Ikkunsidrat:—

Ma hux in kontrasto li l-attriċi u l-konvenut żewġha jinsabu separati **di fatto**. Għalhekk, tiddelinea ruħha l-pożizzjoni *ġuridika hekk espressa minn din il-Qorti (Sedi Inf.)* in Mangion vs. Formosa, 2 ta' Ġunju 1915 — Imħ. Giov. Pullicino:—

> "Salvo il caso preveduto nell'art. 5 dell'Ord. I del 1873, l'obbligo del marito di alimentare la moglie perdura anche nella separazione di fatto tra i coniugi, — stato irregolare cui la legge non attribuisce alcun effetto *giuridico*; se il marito vuol esonerarsi da tale obbligo, quando vi è luogo, non ha che promuovere l'azione di separazione personale."

L-artikolu 5, imsemmi fis-sentenza ċitata, hu illum l-art. 6 tal-Kod. Ċiv. Kap. 23 Ediz. Riv.

F'dan il-każ l-appellant ma għamel ebda kawża ta' separazzjoni personali. Ma hemmx bżonn jingħad, ukoll, li l-at-

triċi hi ntitolata tfittex għal alimenti ndipendentement minn istanza ta' separazzjoni, u kienet feliċi, għap-propożitu, l-espressjoni tal-Borsari, ċitata fis-sentenza Restall utrinque P.A., 7 Frar, 1898, fis-sens li "la moglie non puo essere costretta a romperla definitivamente col marito";

Ikkunsidrat:—

Fil-każ preżenti l-konvenut interpella uffiċjalment lill-attriċi biex tirritorna fid-dar konjugali. Għalhekk, hemm lok għal indaġini dwar l-applikabbilita o meno tal-art. 6 Kap. 23, fis-sens li din il-Qorti għandha tara jekk l-attriċi — li ex admissis, telqet mid-dar konjugali, hijiex qeda tirrifjuta li tirritorna **mingħajr kawża ġusta.**

Hu paċifiku ormaj li din il-kawża ġusta ma hemmx bżonn li tkun ta' bilfors waħda mill-kawżi li, skond il-liġi, jistgħu jilleġittimaw istanza ta' separazzjoni personali, imma tista' tkun anki all'infuori ta' dawk il-kawżi, basta s'intendi, li tkun gravi u proporzjonata. Kif ġie osservat fil-kawża Restall utrinque fuq ċitata:—

> ". . . .poiche i motivi potrebbero non essere di tanto forza per autorizzare la separazione, ed intanto essere sufficienti a dare luogo a provvedimenti temporanei che rendano innocuo alla moglie l'allontanamento dalla casa del marito."

Ara wkoll, fl-istess sens, sentenza ta' din il-Qorti Fenech vs. Fenech, 4 Novembru 1957;

Ikkunsidrat:—

Din il-Qorti hi ta' fehma li l-attriċi kellha kawża ġusta

biex ma tirriprendiex il-konvivenza konjugali wara li telqet mid-dar konjugali.

**Ikkunsidrat:—**

Il-Qorti tista anki għal mument tipprexxindi mill-aġir, indubbjament ostili, tal-imputat fl-inċident tal-mus, ampjament kommentat mill-ewwel Onorabbli *Qorti*, u tgħaddi għal konsiderazzjoni ta' aspetti oħra.

Infatti, il-konvenut, meta l-attriċi kellha kriżi nervuża gravi, li evidentement ipprotrajiet ruħha għal xi żmien, minflok li uża versu lejha dak it-trattament ta' simpatija u ta' komprensjoni li stat simili jesiġi, mhux biss skond id-dover legali tal-assistenza bejn miżżewġin imma anki skond id-dettami elementari ta' karita kristjana, kien jgħidilha "Hemm fuq għad nitfgħak — inqiegħdek għall-frisk". Din ix-xhieda tal-attriċi issib konferma fix-xhieda ta' **John Grech,** li ġie prodott f'din l-istanza — dan ix-xhud difatti qal li l-konvenut qallu kliem simili ("Jien hemm fuq irrid intellagħha — posta l-isptar tal-mard tal-moħħ"). Hu veru li dawn il-kliem intqalu lil dan ix-xhud wara li ġiet maqtugħa s-sentenza tal-ewwel istanza, imma l-istess huma *korroborazzjoni,* in kwantu juru x'kien l-atteġġjament tal-konvenut għar-rigward ta' dan l-istat ta' martu, u anki għax jekk hu ma eżitax li jgħid kliem simili lill-ħaddieħor, anqas ma eżita jgħidu lil martu, li magħha r-relazzjonijiet kienu teżi, kif jidher ċar *mill-provi.* Issa *kliem simili* huma ċertament **sevizzja** għax juru ċerta krudelta u maltrattament, — **ara** l-insenjament tal-Paċifiċi Mazzoni, Istituz. *nru.* 241, *fejn* **sevizie** huma definiti bħala "gli atti di crudelta e durezza meno gravi e violenti, i cattivi trattamenti". Ingħad fid-Dritt Roman "Quid enim tam humamum est ut fortuitis casibus, mulieres maritum, vel uxorex viri, partecipem esse?" (Ulpiano, Lex 22, Rig. Solut. **Matr.)**

Ikkunsidrat:—

Anki l-fatt li l-attriċi — in segwitu għall-asserviment komplet ekonomiku tagħha min mindu l-konvenut ħa f'idejh l-azzjenda domestika, — għal inqas ħaġa, anki minima, tiddependi mill-karita ta' żewġha u trid tumilja ruħha u titlobilu (ara xhieda tiegħu stess — "kont ngħidilha li jekk hi tkun trid xi ħaġa, tgħidli u nixtrihielha") — hu fatt ta' sevizzja. Intqal sewwa in Grech utrinque 8 Diċ. 1882 P.A. —

"E' sevizie il non lasciare in mano della moglie che poche monete spicciole, anche di bronzo, per provvedere ai bisogni piu urgenti che occorrono durante la giornata."

**Multo magis**, f'dan il-każ, fejn ma kien itiha xejn, u fejn l-attriċi kienet kostretta titlobha, jekk tkun trid l-anqas ħaġa.

Ikkunsidrat:—

Dan il-fatt issa rilevat ma hux eskluż u kopert bis-sentenza għaliex b'dik is-sentenza ġie ritenut biss illi fiċ-ċirkostanzi allura viġenti, il-fatt li l-konvenut kien ħa f'idejh ir-regolamenti tal-ekonomija domestika ma kienx jirrendi fondata l-allegazzjoni, **f'dik** iċ-ċitazzjoni, li hu kien qed jonqos milli jagħti l-manteniment lill-attriċi u lit-tfal. **Xejn aktar minn daqshekk.** Anzi, f'dik is-sentenza stess, kien ġie osservat, li, nonostanti li kien qed jiġi ritenut li l-konvenut kien intitolat jieħu f'idejh l-ekonomija tad-dar, eppure kien ikun ġust u ekwu li hu jħalli xi ħaġa moderata f'idejn l-attriċi għall-bżonnijiet tagħha ta' entita żgħira, mentri lanqas dan ma għamel il-konvenut.

Hemm ukoll il-fatt li l-konvenut, f'kontest ta' ostilita,

addebita lill-attriċi li kienet **ħadet ġurament falz,** — wara li kien isserva bit-tifla Cristina biex jinki lill-attriċi għax kienet tilfet il-kawża ta' qabel din, u *wara li, kif qal hu stess,* **"ma ssapportiex"** — kliem li juru li dan ma kienx xi raġonament pakat mal-attriċi, imma b'kontest ta' ġlied. Addebitu simili hu **nġurjuż.**

Meta wieħed iqies dan kollu fuq l-isfond ta' tensjoni, li ndubbjament jeżisti bejn il-kontendenti, jidher ċar li l-attriċi għandha kawża ġusta biex ma tirritornax għar-rikjam uffiċċjali *tal-konvenut; jidhru applikabili għal każi* simili l-kliem użati fis-sentenza P.A. Grech utrinque 8 Diċ. 1882 — "Le circostanze difatto non devono essere considerate isolatamente ma bensi nel loro complesso, le quali, ripetute e continue, rivelano una consuetudine di vita anormale, piena di dissidi, d'irritazioni e provocazioni, da rendere impossibile la pace domestica, specialmente stante lo stato di umiliazione della moglie, la quale, invece di trovarsi socia del marito nella communione della vita, come dovrebbe esserlo, si trova peggio che nulla.

Ikkunsidrat — **kwantu għal alimenti tat-tifla:—**

Ġiet sollevata l-obbjezzjoni, in bażi għal art. 30 Kap. 23; illi, la darba l-konvenut hu pront li jżomm it-tifla Cristina miegħu, għalhekk ma jistax jiġi kostrett iħallas pensjoni alimentarja.

Fil-pendenza ta' dan l-appell, issopraġġunġa fatt ġdid. Infatti, l-Onorabbli Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina Prim'Awla, b'deċiżżjoni tagħha tal-15 ta' Mejju, 1963, laqgħet it-talba, avanzata b'ċitazzjoni promossa mill-konvenut odjern kontra l-attriċi odjerna, sabiex din tiġi kkundannata

tirritornlu t-tifla Cristina. Għalhekk, in vista ta' dan il-att sopravvenut, jimponi ruħu l-provvediment **infra**;

Ikkunsidrat:—

Dwar it-tasso tal-alimenti ma ġiet sollevata ebda kwistjoni in subordine.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi bill kwantu għal alimenti ordnata favur l-attriċi **proprio** fis-somma ta' erba' liri u nofs (£4.10.0) fil-ġimgħa — tirrespinġi l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż relativi kontra l-konvenut appellant, — u, kwantu għal alimenti ordnati favur it-tifla Cristina, din il-Qorti tissopprassiedi sa kemm is-sentenza, mogħtija mill-Prim'Awla, imsemmija fin-nota tal-konvenut tal-15 ta' Mejju, 1963, tgħaddi ġudikat, u, dwar daqshekk, dan l-appell ikun riappuntabbili fuq talba verbali, spejjeż relativi riservati.